**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 24 ta` Ottubru 2019**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Numru 1310/2019 JZM fl-ismijiet :**

**Joseph Anthony Salomone (K.I. nru. 436547M) u martu Maria Dolores Salomone (K.I. nru. 583047M)**

***kontra***

**Brian Cutajar (K.I. nru. 18967M) iben John Cutajar u Mercedes nee` Gomez imwieled il-Marsa fil-25 ta` Novembru 1966 u joqghod gewwa 33, "Anfield", Triq Gwann Mamo, l-Iklin**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezentaw ir-rikorrenti fis-27 ta` Settembru 2019 fejn, in kawtela ta` kreditu fl-ammont ta` €39,000 (skont Dok A a fol 8 sa 14 tal-process, u ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, talbu l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni ("**il-Mandat**") kontra l-intimat a tenur tal-Art 874 tal-Kap 12 *sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi, jew jiddisponu inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu xi propjeta`u b`mod partikolari l-fond maghruf bhala*

*"Anfield" enumerat tlieta u tletin (33) gewwa Triq Gwann Mamo, l-Iklin, gia` mezzanin fl-ewwel sular ta` bini kif illum zviluppat, u tlett appartamenti, konsistenti l-istess f`penthouse u zewg appartamenti mibnija fuq l-arja tal-fond maghruf bhala "Anfield" enumerat tlieta u tletin (33) gewwa Triq Gwann Mamo, l-Iklin.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat id-digriet li tat fis-27 ta` Settembru 2019 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provizorjament, ordnat in-notifika tal-intimat b`ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 17 ta` Ottubru 2019.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fis-7 ta` Ottubru 2019 fejn abbazi tar-ragunijiet li ssemmew fir-risposta, ikkontesta l-fondatezza tat-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2019 fejn *inter alia* wara li saru sottomissjonijiet, ir-rikors thalla ghal provvediment *in camera.*

Rat in-nota b`dokument li pprezenta l-intimat fit-23 ta` Ottubru 2019 fejn ipprezenta kopja legali ta` cedola ta` depozitu li kienet prezentata fl-istess jum fejn kienet depozitata taht l-awtorita` tal-qorti garanzija bankarja mahruga mill-Bank of Valletta plc ghall-ammont ta` €39,000 in kawtela tal-kreditu pretiz mir-rikorrenti.

Billi tqis il-garanzija bankarja prezentata mill-intimat bhala sufficjenti u sodisfacjenti biex tikkawtela l-ammont li r-rikorrenti ried u jikkawtelaw permezz tal-procediment odjern, ma tarax il-htiega li tghaddi ghal provvediment finali dwar ir-rikors odjern.

**Ghalhekk, filwaqt li qeghda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-27 ta` Settembru 2019 safejn kienet laqghet provvizorjament it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat, qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tar-rikorrenti kif dedotta.**

**Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-mertu bejn il-partijiet.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**